# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 27 ta' Ġunju 2016**

**Numru 2**

**Rikors maħluf numru 17/2006 PC**

**Pietru Camilleri, Vincenza miżżewġa Zammit, u b'digriet tat-23 ta' April 2008 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Emanuel, Paul, Maria miżżewġa Cauchi, Victor, Ġorġ u Michael Zammit, ilkoll ulied il-mejtin Ġużepp u Vincenza imwielda Camilleri minflok Vincenza Zammit li mietet fil-mori tal-kawża; Ġanna armla Azzopardi; Marija miżżewġa Borg; Carmela magħrufa bħala Lina miżżewġa Rapa; Tereża, xebba; Rita armla Ellis ilkoll aħwa Camilleri; u Maria armla Falzon**

***v.***

**Michael u Marija konjuġi Portelli, u b'digriet tat-12 ta' Frar 2008, Joseph Borg ġie nominat sabiex jirrapreżenta lil Marija Portelli peress li tinstab imsiefra; il-Kummissarju tal-Artijiet; id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku; ir-Reġistratur tal-Artijiet għal kull interess li jista' jkollu; l-Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar għal kull interess li jista' jkollha**

1. Dan il-provvediment huwa dwar eċċezzjoni ta' deżerzjoni tal-appell imressqa mill-konvenut Michael Portelli u minn Joseph Borg bħala kuratur f'isem il-konvenuta Marija Portelli fit-tweġiba tagħhom għall-appell tal-atturi.

2. L-eċċezzjoni tgħid hekk:

> »Fl-ewwel lok u in linea preliminari jiġi senjalat li dan l-appell mar deżert fit-termini tal-artikolu 963(1) tal-Kap. 12 *stante* li r-rikors tal-appell ġie notifikat lill-esponenti aktar minn tliet snin wara ii dan ġie preżentat. Fil-fatt ir-rikors tal-appell ġie preżentat fis-sittax (16) ta' Frar 2012. Joseph Borg *qua* kuratur ta' Marija Portelli ġie notifikat bir-rikors tal-appell fil-wieħed u tletin (31) ta' Awissu 2015 filwaqt li Michael Portelli ġie notifikat fis-sebgħa (7) ta' Settembru 2015. Għalhekk il-proċeduri bil-miktub ma ngħalqux fi żmien perentorju ta' sena stabbilit mill-istess artikolu.«

3. Bi tweġiba għal din l-eċċezzjoni l-atturi appellanti b'rikors tat-18 ta' Novembru 2015 qalu hekk:

> »… … … issa jirriżulta illi l-appellati kollha ġew notifikati u l-appellati li għandhom interess fl-esitu ta' dan l-appell daħħlu r-risposta tagħhom;
>
> »illi għaldaqstant jeżistu l-estremi biex dina l-onorabbli qorti tiddikjara illi l-proċeduri bil-miktub huma magħluqa minkejja illi għadda ż-żmien mogħti fl-artiklu 963(1) tal-Kap. 12 u dana minkejja illi dina l-onorabbli qorti għadha ma tat l-ebda ordni kif jiddisponi l-artiklu 963(3) tal-Kap. 12.
>
> »Għaldaqstant l-esponenti bil-qima jitolbu illi dina l-onorabbli qorti jogħġobha tordna illi n-notifika illi saret lill-appellati kollha barra l-Kummissarju tal-Art hija regolari u ma tagħtix lok għal deżerzjoni u dana minkejja illi tali notifika seħħet wara t-terminu tal-liġi imma qabel ma dina l-onorabbli qorti tat xi ordni kif l-artiklu 963(3) tal-Kap. 12 jagħtiha l-fakultà illi tagħti imma issa m'hemm l-ebda ħtieġa illi tingħata.«

4. Għal dan ir-rikors il-konvenuti Kummissarju tal-Artijiet, Reġistratur tal-Artijiet (Għawdex) u Direttur tar-Reġistru Pubbliku (Għawdex) wieġbu fit-3 ta' Diċembru 2015, u l-konvenuti Michael Portelli u Joseph Borg *nomine* wieġbu fl-4 ta' Diċembru 2015.

5. Il-qorti tosserva qabel xejn illi l-art. 732(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid hekk:

> »**732.** … … …
>
> »(2) … … … l-eċċezzjoni ta' deżerzjoni ta' kawża titqies li ġiet rinunzjata, jekk ma tingħatax qabel kull eċċezzjoni perentorja oħra.«

6. Dan ifisser illi l-qorti ma tistax *sua sponte* tagħti effett għad-deżerzjoni jekk ma tkunx ingħatat l-eċċezzjoni, billi l-qorti ma tistax tqis eċċezzjoni li tkun ġiet rinunzjata[1]. Fil-każ tallum l-eċċezzjoni ngħatat fit-tweġiba tal-appell, fit-22 ta' Settembru 2015, meta l-konvenuti kienu ġà kollha notifikati. Għalkemm, meta saret in-notifika u ngħalqu l-proċeduri bil-miktub bil-preżentata tat-tweġiba tat-22 ta' Settembru 2015, kien għadda ż-żmien "perentorju" ta' sena, l-appell ma kellux jitqies deżert qabel ma l-qorti tkun tat l-ordnijiet li jrid l-art. 963(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili "sabiex l-istess proċeduri jingħalqu kemm jista' jkun malajr u sabiex jiġi evitat illi l-kawża tmur deżerta minħabba f'xi nuqqas ta' notifika". Inċidentalment, dan ma huwiex "fakoltà" tal-qorti, kif igħidu l-atturi fir-rikors tat-18 ta' Novembru 2015, iżda huwa obbligu tal-qorti li tagħti dawk l-ordnijiet[2]. Fil-każ tallum iżda dawk l-ordnijiet ma kinux meħtieġa billi n-notifiki kienu laħqu saru u l-proċeduri bil-miktub kienu ngħalqu. Għalhekk, ladarba l-ordnijiet li jrid l-art. 963(3) – kondizzjoni preċedenti għad-

---

1 Ara Angela Debattista *et v.* Joanne Debattista *et*, App. 24 ta' Ġunju 2016, §§ 9 *et seq.*

2 **963.** (3) … … … il-qorti *għandha* għal darba waħda biss tagħti dawk l-ordnijiet … … …

deżerzjoni taħt l-art. 963(3A)[3] – ma kinux ingħataw, ma għandhiex tiġi dikjarata d-deżerzjoni.

7. Il-qorti għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni ta' deżerzjoni u hekk tipprovdi wkoll dwar ir-rikors tal-atturi tat-18 ta' Novembru 2015.

8. Billi iżda d-disposizzjonijiet tal-liġi fuq id-deżerzjoni xejn ma huma preċiżi u anzi huma inkonsistenti ma' xulxin – l-art. 967 igħid illi d-deżerzjoni titqies li ġrat *ipso iure* fil-jum li fih jagħalqu ż-żminijiet perentorji għall-għeluq tal-proċeduri bil-miktub u l-art. 963(3) igħid illi d-deżerzjoni ma titqiesx li ġrat f'dak il-jum għax il-qorti għandha tagħti l-ordnijiet li tqis xierqa biex il-proċeduri jingħalqu u biex tiġi evitata d-deżerzjoni, u l-art. 963(3A) igħid illi d-deżerzjoni sseħħ mhux *ipso iure* iżda tiġi dikjarata b'dikriet – huwa xieraq illi l-ispejjeż relativi għal din l-eċċezzjoni jinqasmu bin-nofs bejn l-atturi u l-konvenuti li ressqu l-eċċezzjoni.

9. Ikun utli li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat mir-reġistratur lill-i*Speaker* tal-Kamra tar-Rappreżentanti biex tiġi senjalata din l-inkonsistenza fil-liġi dwar id-deżerzjoni.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Registratur
mb

---

[3] **963** (3A) Id-deżerzjoni ta' kawża għandha tiġi dikjarata b'digriet mogħti fil-qorti bil-miftuħ jekk, wara li jkunu ngħataw l-ordnijiet imsemmijin fis-subartikolu (3), il-proċeduri bil-miktub jibqgħu ma jingħalqux.